MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2011

Numru. 466/2005

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ANTONOVITCH MUSCAT**

**KONTRA**

**CARMEN SPITERI COLEIRO ta’ 52 sena, bint Giuseppe Coleiro u Rita nee’ Hampton, imwielda Tas-Sliema nhar l-24.01.1959, residenti fil-fond numru 62, Triq Patri Guze Delia, Balzan, detentrici tal-karta ta’ l-identita’ numru 809 259 M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmija **CARMEN SPITERI COLEIRO** li giet akkuzata talli:

1. F’dawn l-ahhar snin, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, b’mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamlet uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b’qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b’ohra sabiex iggiehel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex qanqlet tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamlet qligh b’qerq ta’ iktar minn Lm1,000.00 ghad-dannu tal-British Pensions Office.

Rat li fi stadju ta’ interrogatorju wiegbet illi ma kinitx hatja ta’ l-akkuzi kif dedotti fil-konfront taghha;

Rat illi ntbaghtu l-Artikoli a bazi ta’ liema tista’ tinstab htija, u cioe’:
L-Artikoli 18, 308, 309, 310, 31, 20, 23, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat illi moqrija l-istess Artikoli, l-imputata tat il-kunsens taghha ghal proceduri sommarji;

Rat li fis-seduta ta’ nhar l-01.12.2009 l-imputata rregistrat ammissjoni ghall-akkuzi migjuba kontra taghha, liema ammissjoni giet ikkonfermata fis-seduta precedenti.

Semghet ukoll lil John Abela in rapprezentanza tal-British Pension Office, il-parte leza, jiddikkjara li s-somma dovuta lill-istess mill-imputata kienet ta’ Lm1,186.77 – li kienet ghadha debitament hekk dovuta (dan nonostante li kienu rcevew minghand l-imputata zewg bank drafts li qatt ma ssarrfu).

Ghaldaqstant, minhabba l-ammissjoni ta’ Carmen Spiteri Coleiro, qieghda ssib htija ai termini ta’ l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Dwar il-piena semghet lill-Ufficjal Prosekutur li fit-trattazzjoni ddikkjara li l-imputata kienet fi stadju ta’ l-istqarrija kkoperat mal-pulizija;

Rat ukoll il-fedina penali ta’ l-imputata li frankament hija kkaratterizzata b’reati simili, qieset ukoll illi l-imputata kienet disposta tirrifondi s-somma minnha mehuda b’qerq, ghaldaqstant in vista’ tal-promessa taghha qieghda anke wara li rat l-Artikoli 31, u 20 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundannaha ghal piena karcerarja ta’ sena (1) sospizi ghal sentejn(2), u dan wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u qieghda taghmel ordni ta’ restituzzjoni tas-somma dovuta lil British Pension Office ghall-ammont ta’ Lm1,186.77 ekwivalenti ghal €2,765.17 fi zmien sitt (6) xhur mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------